# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.3

## Kap 8: Kulħadd għandu postu

## Lezzjoni 8.3: It-Tmexxija tal-Knisja

### L-Għanijiet:



### L-istudenti:

1. Jifhmu min huma l-membri tal-familja l-kbira li hi l-Knisja.
2. Jiddiskutu u jaraw li min hu mgħammed, huwa parti mill-Knisja.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- Powerpoint Presentation: Il-mexxejja tagħna
- Klipp dwar il-Papa Franġisku
  https://www.youtube.com/watch?v=_rHL4P1_GFM
  https://www.youtube.com/watch?v=A85UP-0QJg4
- Diska: Lord I want to be a Christian in my heart
  https://www.youtube.com/watch?v=MZUq1Ruj9dE
- Karta ta' Taħriġ: 8.3

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi telenka mal-aħħar lezzjoni dwar ir-ragħaj it-tajjeb u dwar nies li jmexxu fil-parroċċa tagħna.
- Stieden lit-tfal isemmu n-nies bħall-kappillan, il-qassisin, il-lajċi, eċċ u naraw xi rwol għandhom.
- Fisser: Aħna l-lajċi, għax aħna mgħammdin, u kull min hu mgħammed, hu parti mill-Knisja u allura mill-familja t'Alla.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega: Fil-lezzjoni l-oħra semmejna l-Isqof u l-Papa u llum se nidħlu aktar fid-dettal dwar dawn u dwar ir-rwol tagħhom.
2. Uri l-power point:  Il-Mexxejja Tagħna. Fiehem għaliex għandna bżonn l-isqfijiet. Ara min huma l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex.
3. Ħu xi kummenti mit-tfal.
4. Uri  il-klipp minn You Tube dwar il-Papa Franġisku.
5. Stieden lit-tfal jifħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.3.



6. Aqra s-silta mogħtija u għaddi għal Attività 1 billi tiddiskuti din l-attività fuq bażi ta' klassi.
7. Spjega Attività 2 u fforma 4 gruppi u kull grupp jagħżel it-tajbin Wara ħalli lit-tfal jippreżentaw dak li jkunu sabu lill-oħrajn.
8. Għaddi għal Attività 3 u oħroġ il-punt li l-Knisja qiegħda twasslilna t-tagħlim ta' Ġesù. Spjega li xi kultant hu diffiċli li nagħmlu li tgħidilna l-Knisja għax irridu mmorru kontra dak li nkunu rridu nagħmlu aħna.
9. Agħlaq il-lezzjoni b'talba li ssuġġerew huma stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Kulħadd huwa importanti fil-Knisja ta' Ġesù!
2. Il-Papa Franġisku huwa l-kap tal-Knisja kollha.
3. F'kull pajjiż insibu Ragħaj spiritwali li jmexxi lill-pajjiż li hu msejjaħ Arcisqof.
4. F'Malta l-Arcisqof huwa Mons Charles J. Scicluna u f'Għawdex għandna lill-Isqof Mario Grech.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħrfu li la huma membri tal-Knisja ta' Ġesù, huma aħwa ta' xulxin u allura jaħdmu biex inaqqsu d-differenzi ta' bejniethom.



## Nitolbu

Grazzi Ġesù, talli għamiltni parti minn din il-familja tiegħek hekk sabiħa.  Berikni o Ġesù ħalli nkun nista' nagħti sehmi f'din il-familja.

